**QORTI KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar-il Erbgħa 3 ta' Frar 2016**

**Fl-atti tal-kawża fl-ismijiet**

**"Il-Pulizija**
**(Spettur Therese Sciberras)**

**v.**

**Jonathan Zammit"**

**Il-Qorti:**

**1.** Reġgħet rat in-nota ta' l-uffiċjal tal-*probation* Rona Custo` tat-28 ta' Mejju 2015 li biha għamlet denunzja fis-sens ta' l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u fejn informat lil din il-Qorti li l-imsemmi Jonathan Zammit, detentur tal-karta ta' l-identita` numru 6686(M), naqas milli jżomm ruħu f'kuntatt ma' l-uffiċjal tal-*probation* skond id-direttivi mogħtija lilu, naqas milli jindirizza l-problema tad-droga skond il-kundizzjoni imposta fuqu fis-sentenza ta' l-14 ta' Marzu 2014, u minħabba li naqas milli jżomm ruħu f'kuntatt na' l-uffiċjal tal-*probation* mhux qed ikun possibbli li ssir is-superviżjoni neċessarja;

**2.** Rat is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-14 ta' Marzu 2014 li permezz tagħha, fuq denunzja tad-29 ta' Frar 2012 wara sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudilatura Kriminali tat-23 ta' Novembru 2011 li kienet,

fuq ammissjoni, sabet lill-imsemmi Jonathan Zammit ħati talli f'dawn il-Gżejjer, u cioe` fil-Mellieħa fis-16 ta' Lulju 2006, ikkommetta serq ta' karozza, liema serq huwa ta' valur ta' aktar minn Lm1,000, għad-detriment ta' terzi persuni, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, u qiegħdet lill-istess Jonathan Zammit taħt ordni ta' *probation* għal perijodu ta' tliet snin, ittrattat miegħu mill-ġdid u qiegħditu taħt ordni ta' *probation* ġdid a tenur ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 446 għal perijodu ta' tliet;

**3.** Rat illi l-ordni ta' *probation* ta' l-14 ta' Marzu 2014 qiegħdet lill-imsemmi Jonathan Zammit taħt is-segwenti kondizzjonijiet:

" (1) Li matul dan il-perijodu l-*probationer* iġib ruħu tajjeb u jgħix ħajja ta' bżulija;

"(2) Li joqgħod għad-direttivi <u>kollha</u> tal-uffiċjal tal-*Probation*, u jżomm dak il-kuntatt meħtieġ u mitlub mill-uffiċjal tal-*probation* maħtur lilu;

"(3) Li jagħti lill-uffiċjal tal-*probation* dawk il-kampjuni ta' l-urina li jista' minn żmien għall-ieħor jiġi mitlub sabiex jiġu analizzati għall-preżenza o meno ta' sustanzi llegali ;

"(4) Li javża lill-uffiċjal tal-*probation* mill-anqas ħmistax-il ġurnata qabel dwar tibdil fl-indirizz tiegħu jew fin-numru tal-*mobile* jew tat-telefon tiegħu, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet li jiġġustifikaw li l-*probationer* jagħti preavviż iqsar;

"(5) Li jirċievi żjarat ta' l-istess uffiċjal tal-*probation* kemm fid-dar tiegħu kif ukoll fuq il-post tax-xogħol;

"(6) Li tul iż-żmien tal-*probation* ma jsifirx minn dawn il-Gżejjer mingħajr ma jingħata l-awtorizzazzjoni tal-Qorti;

"(7) Li, skond il-ħtieġa, jikkompleta programm ta' rijabilitazzjoni jew trattament minħabba l-vizzju tad-droga mingħajr interruzzjoni, u li joqgħod għad-direttivi kollha li jistgħu jagħtuh il-persuni u/jew aġenziji li jkunu qegħdin imexxu tali programm;

"(8) Li, fejn meħtieġ, imur għal dawk l-appuntamenti li jiġu ffissati ma' professjonisti u li jikkonsulta mal-professjonisti kollha li jiġi riferut lilhom mill-uffiċjal tal-*probation*, u li joqgħod għal kull istruzzjoni li dawn il-professjonisti jagħtuh."

**4.** Semgħet id-deposizzjoni ta' l-uffiċjal tal-*probation* Rona Custo`; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-uffiċjal tal-*probation* Rona Custo` xehdet u kkonfermat id-denunzja. Hija inoltre spjegat illi ħafna miż-żmien li kienet qed issegwi l-*probationer* huwa kien il-ħabs taħt arrest preventiv. Qalet li ngħata l-ħelsien mill-arrest f'Lulju 2014, reġa' beda juża d-droga, attenda żewġ appuntamenti biss minn sitta, u f'Novembru 2014 reġa' daħal il-ħabs minħabba li kien kiser xi kundizzjoni ta' ħelsien mill-arrest. Qalet li saru diversi żjarat minnha u minn rappreżentanti tas-SEDQA biex tiġi esplorata l-possibilita` li jibda programm ta' rijabilitazzjoni, pero` qatt ma wera interess. Skond l-uffiċjal tal-*probation*, l-imsemmi Jonathan Zammit reġa' ngħata l-ħelsien mill-arrest fil-bidu ta' Mejju 2015 u minkejja li bagħtitlu diversi ittri d-dar kif ukoll ħallietlu noti mal-*bail book* tiegħu, huwa qatt ma attenda. Inoltre ġiet infurmata li fetaħ każijiet ġodda u reġa' spiċċa l-ħabs.

**6.** Id-difensur tal-*probationer* talab lil din il-Qorti tagħti ċans lill-*probationer* anke peress illi talab lill-awtoritajiet tal-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin biex jiskrivi ruħu fi programm ta' rijabilitazzjoni. It-talba hi bażikament biex din il-Qorti ma taqtax qalbha mill-*probationer*.

**7.** Din il-Qorti sejra tirreferi għal dak li qalet fis-sentenza tagħha ta' l-14 ta' Marzu 2014 meta ddeċidiet li terġa' tagħti "ċans" lill-*probationer*:

> **"5. Mill-provi jirriżulta illi d-denunzja saret peress illi bejn id-data tas-sentenza u d-data tad-denunzja, il-*probationer* ma kien attenda għall-ebda appuntament ma' l-uffiċjal tal-*probation* tiegħu, u inoltre kien biddel l-indirizz tiegħu mingħajr ma nforma lill-uffiċjal tal-*probation*. Lill-uffiċjal tal-*probation* kien irriżultalha wkoll illi ma żamm l-ebda kuntatt ma' xi aġenzija ta' rijabilitazzjoni minħabba l-problema tad-droga. Fil-mori tas-smiegħ ta' din id-denunzja beda jżomm xi appuntamenti u kellu jitfassal pjan ta' trattament bl-assistenza ta' Dr. Moses Camilleri kif ukoll kellu jibda *sessions* ma' *key-worker* fi ħdan l-aġenzija SEDQA. Sfortunatament naqas milli jagħmel dan. Sadattant ukoll ingħata sentenza ta' priġunerija kif ukoll kellu jidħol l-Isptar għal intervent kirurġiku fejn dam ġimagħtejn.**
>
> **"6. M'hemmx dubju illi l-*probationer* għandu problema ta' droga u jeħtieġ jindirizzaha bis-serjeta` a benefiċċju tiegħu u tas-soċjeta`. Dan hu permezz tal-professjonisti li jaħdmu f'dan il-qasam flimkien ma' l-interventi u sorveljanza ta' uffiċjal tal-*probation*. Jidher illi l-*probationer* huwa lest jieħu dan il-pass. Għalhekk, fid-dawl tal-fatt li l-perijodu ta' *probation* oriġinali li ngħata l-imsemmi Jonathan Zammit iddekorra mingħajr wisq progress, din il-Qorti hi tal-fehma li għandha tittratta miegħu mill-ġdid b'ordni ġdid ta' *probation*. <u>Fl-istess ħin qed twissi severament lill-imsemmi Jonathan Zammit illi jekk ma jħarisx il-kondizzjonijiet kollha fl-ordni ta' *probation*, ikollu eventwalment ibati r-riguri tal-liġi"</u> (sottolinear ta' din il-Qorti).**

**8.** Din il-Qorti hi minn ta' l-ewwel biex tipprova tgħin lil min ikun qabad il-vizzju tad-droga. Kien għalhekk li tat l-opportunita` lill-*probationer* juri jekk kienx verament dispost biex isegwi ordni ta' *probation*. Sfortunatament bl-agir tieghu ma wera l-ebda motivazzjoni. Tittama li verament issa qiegħed jipprova jagħmel xi ħaġa biex joħroġ minn dan il-vizzju. Din il-Qorti, pero`, ma tistax issa tinjora dik it-twissija li tat lill-*probationer* li jekk ma jħarisx il-kondizzjonijiet kollha fl-ordni ta' *probation*, ikollu eventwalment ibati r-riguri tal-liġi. Konsegwentement din il-Qorti issa ma għandhiex triq ohra ghajr li tittratta mieghu mill-gdid ghar-reat hawn fuq imsemmi kif jipprovdi l-artikolu 21(2) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**9.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi, a tenur tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li kkonstatat li l-*probationer* Jonathan Zammit kiser l-ordni ta' *probation* ta' l-14 ta' Marzu 2014, tirrevoka l-istess ordni u tittratta mieghu mill-ġdid għall-imputazzjoni hawn fuq imsemmija (fit-tieni paragrafu) u, wara li rat l-artikoli 261(c), 267 u 279(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 21(2) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'referenza għas-sentenza ta' l-14 ta' Marzu 2014, tikkundanna lill-imsemmi Jonathan Zammit għal priġunerija għal perijodu ta' tlettax-il xahar. **Għal kull bwon fini tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin sabiex jipprovdi lill-ħati l-għajnuna meħtieġa minħabba l-problema ta' droga li għandu, kif ukoll kull għajnuna psikologika li jkollu bżonn.**